# O Żmien Ħelu...

*Riċerka u Kitba ta'* **Dr Raymond C. Xerri**

## IL-QUDDIESA TAL-KAĊĊATURI

Il-Quddiesa tal-Kaċċaturi kienet quddiesa li f'ħafna rħula Għawdxin, fosthom il-Qala kienet toħroġ fit-tlieta ta' filgħodu. Iva, żgħażagħ smajtu sewwa, fit-tlieta ta' filgħodu. Nista' naħseb x'qed jgħidu xi żgħażagħ huma u jaqraw; 'M'għandix inqum fit-tlieta ta' filgħodu biex nisma' quddiesa, fit-tlieta nkun għadni dieħel/a lura biex norqod mid-divertiment fil-weekends,' jew għal min ma' jħobbx joħroġ; 'fit-tlieta nkun fl-aqwa tar-raqda tiegħi, lanqas noħlom li nqum għall-quddiesa.' Verament li nbidlu ż-żminjiet u tabilħaqq l-istil tal-ħajja tagħna qaleb l-arloġġ ta' taħt fuq. F'dan l-artiklu ser naraw kif għal ħafna minn missirijietna l-quddiesa tal-kaċċaturi kienet tagħti bidu għall-ġurnata tagħhom.

Il-Quddiesa tal-Kaċċaturi ġiet imlaqma hekk għaliex il-maġġoranza ta' dawk li attendew kienu kaċċaturi għat-tjur kif ukoll għall-fniek. Però fir-realtà kienu jattendu nassaba, sajjieda, furnara, bdiewa, ħaddiema li jaħdmu Malta, nisa tad-dar li kollha kienu jbakkru. In-nassaba kienu jbakkru biex jippreparaw il-mansab u l-għasafar; is-sajjieda biex jitilqu kmieni fuq il-baħar biex meta jisbaħ ikunu diġa' biċċa sew 'l barra; l-furnara bil-familji, li fir-raħal tagħna kellna erbgħa biex jippreparaw għall-ewwel forn li kien joħroġ fil-ħamsa jew is-sitta ta' filgħodu. Il-bdiewa jkunu jistgħu jagħtu bidu kmieni fix-xogħol ta' l-għalqa u biex isir kemm jista' jkun xogħol qabel ma' tibda tisreġ ix-xemx, minkejja li kważi kulħadd kien jilbes il-kpiepel tal-palm. Numru mhux ħażin, kienu n-nisa tad-dar li miħabba li kellhom familji kbar, ħames, sitt jew iżjed tfal u l-faċendi ma' kienu jonqsu qatt ovjament mingħajr, magni tal-ħasil jew ta' l-ixxuttar tal-ħwejjeġ, *dishwashers, microwaves, fridges* u fran elettroniċi, eċċ., kollox kien bl-idejn u jieħu ħafna żmien.

Ħafna nies li kienu jattendu din il-quddiesa kienu wkoll jgħidu l-ewwel ružarju tal-ġurnata huma u sejrin jew huma u ġejjin lura d-dar mill-Knisja. U mħabba li l-quddiesa tal-kaċċaturi fil-Qala kienet issir fis-Santwarju tal-Madonna tal-Kunċizzjoni kien ikollhom żmien biżżejjed biex jgħidu r-rużarju b'ħmistax-il posta. Il-Quddiesa tal-Kaċċaturi kienet senonima ma' Dun Karm Camilleri (Tas-Slajf) li għal ħafna u ħafna snin kien l-uniku qassis li kien iqaddes sa ma tilef saqajh għall-marda tad-djabete fl-1964 u miet sena wara jiġifieri nhar l-14 ta' Marzu 1965 f'età ta' 69 sena.

Skond numru ta' anzjani fir-raħal tagħna li kienu jattendu l-quddiesa tal-kaċċaturi, l-quddiesa kienet qasira ħafna għaliex ma kienx ikun hemm priedka u Dun Karm kien iħaffef jgħid il-quddiesa. Mill-1965 'l quddiem l-quddiesa tal-kaċċaturi ma baqgħetx issir u l-ewwel quddiesa kienet dik ta' l-erbgħa ta' filgħodu fil-Knisja Arċipretali u kienet magħrufa bħala dik tal-*Pater Noster*, kif għadna nafuha llum. Maż-żmien din il-quddiesa li kienet saret popolari ħafna, bdiet toħroġ fil-ħamsa.

F'dawn l-aħħar erbgħin sena l-mod kif ngħixu nbidel. Biex kont tqum tisma' l-quddiesa tal-kaċċaturi, ħafna kienu jorqdu kmieni, f'xit-tmienja. Illum ħafna adulti jorqdu fl-għaxra jew ftit qabel nofs il-lejl, filwaqt li għal xi żgħażagħ dawn saru l-ħinijiet x'ħin joħorġu mid-dar għall-postijiet tad-divertiment. Meta n-nanniet tagħna kienu iqumu għall-quddiesa tal-kaċċaturi għas-sagħtejn ta' filgħodu, fl-istess ħin llum xi żgħażagħ ikunu għadhom deħlin jorqdu mid-divertiment. Hawn tajjeb ngħidu li ħafna żgħażagħ għandhom għaqal biżżejjed u ma jsegwux din it-tip ta' skeda, minħabba xogħol, studju u raġunijiet oħra.

Fil-ħemda tad-dlam tal-lejl, l-iżveljarin għal ħafna minn missirijietna kienu t-tokki tal-qanpiena tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni u sew jekk kien ksieħ ixoqq l-għadam, kif ukoll imdellek bis-sħana tas-Sajf, missirijietna kont tarahom mexjin b'pass mgħaġġel mill-Wied tal-Marġa jew minn fuq il-Wileġ. Kienu jiltaqgħu fis-Santwarju min bis-senter, min bil-qasba, min bil-lexxuna u min b'xi qatta' xewk għall-forn biex jibdilha ma' ħobża. Kienu jitħallew barra s-Santwarju biex ma jaħlux żmien jerġgħu jmorru d-dar wara. Kienu jibqgħu sejrin fuq xogħolhom. Kemm kienet ħaġa sabiħa li kienu jibdew l-ġurnata billi jsellmu lill-Mulej permezz ta' quddiesa u lil Marija permezz tar-rużarju. Ftit fadal bħal missirijietna. X'innoċenza u x'għaqal.
O Żmien Ħelu .. fejn int?

